**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 8**

**It-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-10.12 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u Kap tal-Kamra, l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u Whip tal-Gvern l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. David Agius, u l-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar.

Kienet preżenti wkoll l-Onor. Naomi Cachia.

## MINUTI

B'referenza għall-punt imqajjem fil-laqgħa preċedenti dwar it-talba għall-allokazzjoni ta' xufier addizzjonali għall-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar qal li l-Minuti ma jindikawx dak li kien qal hu, ċjoè li tali talba kellha l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

L-Ispeaker qal li dan kien rifless fis-sentenza li tgħid: "L-Onor. David Agius qal li tali deċiżjoni kienet tispetta lill-Ispeaker u ma kellhiex bżonn l-approvazzjoni tal-Kumitat ladarba kien hemm l-approvazzjoni finanzjarja għal dan."

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 7 tas-27 ta' Ottubru 2023 ġew ikkonfermati.

### Aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra

L-Onor. Chris Fearne informa lill-Kumitat li fid-dawl ta' dak li kien intqal fil-laqgħat preċedenti dwar il-proċess li għandu jwassal għal aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u affarijiet oħra relatati mal-ħidma tal-Parlament, il-Gvern kien qiegħed jinnomina lill-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Naomi Cachia sabiex flimkien ma' Membri nominati mill-Oppożizzjoni jiltaqgħu f'kumitat *ad hoc* informali sabiex jagħmlu l-proposti tagħhom. Huwa spjega li l-Kumitat

dwar ix-Xogħol tal-Kamra għandu jistabbilixxi dak li hu mistenni mill-kumitat *ad hoc,* u li l-kumitat ad hoc għandu jirrapporta lura lill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra bil-proposti tiegħu.

L-Onor. Robert Cutajar informa lill-Kumitat li n-naħa tal-Oppożizzjoni kienet se tkun qed tgħaddi l-ismijiet tal-membri nominati minnha fi stadju ulterjuri.

## XOGĦOL TAL-KAMRA

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kumitat li l-ħsieb tal-Gvern kien li l-Kamra tibda bid-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari fuq l-ewwel tliet Abbozzi ta' Liġi kif jidhru fuq l-aġenda, u ċjoè:

- Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il Patrimonju Kulturali (Abbozz Nru 79)
- Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) (Abbozz Nru 83)
- Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) (Abbozz Nru 86)

Fuq punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Ellul żied li kien se jkun qed jinforma lill-Oppożizzjoni dwar liema Abbozzi kienu se jitressqu għad-diskussjoni fil-ġimgħat sussegwenti.

## XOGĦOL IEĦOR

### Mistoqsijiet parlamentari

Fuq punt imqajjem mill-Onor. Chris Fearne, il-Kumitat qabel li wara t-tibdil li kien imħabbar fil-Kabinett fis-6 ta' Jannar 2024, it-terminu ta' avviż ta' mill-inqas tlett ijiem li fihom għandhom jiġu mwieġba mistoqsijiet parlamentari (Ordni Permanenti 22) li saru lill-Ministri li kellhom tibdil fid-dekasteru tagħhom, kellu jkun estiż b'mod li dawk il-mistoqsijiet li kellhom jitwieġbu fis-seduti tat-8, 9 u 10 ta' Jannar 2024, kellhom jingħataw tweġiba fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar. Dawn il-mistoqsijiet hekk trasferiti kellhom jiżdiedu mal-limitu ta' sitt mistoqsijiet permessi għal kull seduta.

Il-Kumitat qabel ukoll li din is-sospensjoni kellha tapplika limitatament għal din l-okkażjoni biss.

### Ħatra ta' Skrivan tal-Kamra

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li wara t-tmiem tal-kariga tas-Sur Raymond Scicluna bħala Skrivan tal-Kamra mal-Parlament fil-31 ta' Diċembru 2023, skont artikolu 11 tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, huwa kellu jikkonsulta mal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra dwar il-ħatra ta' Skrivan tal-Kamra. Huwa informa lill-Kumitat ukoll illi b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 is-Sa Eleanor Scerri, Direttur fis-Servizz Parlamentari, kienet inħatret bħala Aġent Skrivan tal-Kamra sakemm il-Kumitat ikun jista' jikkonsidra din il-ħatra.

Il-Kumitat irringrazzja lis-Sur Scicluna tas-snin twal ta' ħidma fil-Parlament.

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien qiegħed jipproponi li s-Sa Scerri tingħata l-kariga ta' Skrivan tal-Kamra b'mod sħiħ.

Il-Kumitat qabel unanimament man-nomina tas-Sa Scerri. Għaldaqstant l-Ispeaker avża li skont l-Att dwar is-Servizz Parlamentari, kien ser ikun qiegħed jagħti parir lill-President ta' Malta sabiex jaħtar lis-Sa Scerri bħala Skrivan tal-Kamra.

**Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li wara li fi tmiem l-2021 il-Kumitat kien approva l-ħatra tas-Sur Andrè Vella bħala Rappreżentant tal-Parlament Malti fi Brussell għal terminu ta' sena, liema ħatra sussegwentement kienet imġedda għal sena oħra fis-17 ta' Jannar 2023, u wara li fis-6 ta' Novembru 2023 ħarġet sejħa interna fost l-impjegati tas-Servizz Parlamentari sabiex jimtela l-post mill-1 ta' Jannar 2024 u s-Servizz ma rċieva ebda applikazzjoni ġdida għal din is-sejħa, is-Sur Vella kien wera x-xewqa illi huwa jibqa' fil-kariga f'każ li ma jkunx hemm interess minn kollegi oħra. Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kumitat iġedded il-kariga tas-Sur Vella għal sena oħra sa tmiem is-sena 2024.

Il-Kumitat qabel unanimament li l-kariga tas-Sur Vella kellha tiġġedded sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Attivitajiet tal-Parlament**

L-Ispeaker iċċirkola lista ta' attivitajiet skedati li jsiru sa issa fil-Parlament fis-sena 2024.

**Seduti fil-jiem tal-Karnival**

Il-Kumitat qabel li ma jsirux seduti tal-Parlament fit-12 u t-13 ta' Frar 2024, meta fil-Belt Valletta jkunu għaddejjin l-attivitajiet tal-Karnival.

**Seduti indikati għall-votazzjonijiet**

L-Onor. Robert Cutajar staqsa jekk hemmx ġurnata indikata għall-votazzjonijiet li jistgħu jintalbu. L-Onor. Chris Fearne informa lill-Kumitat li kien se jkun qed jikkomunika mal-Oppożizzjoni dwar dan wara l-laqgħa tal-Grupp Parlamentari tal-Gvern li kellha ssir aktar tard matul il-ġimgħa.

**Ombudsplan 2024 u Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Il-Kumitat qabel li jkun hemm abbokkament dwar id-dati meta jkunu jistgħu jsiru d-diskussjonijiet fil-Kumitat dwar l-Ombudsplan għas-sena 2024 u fuq l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022 u 2023.

Fl-10.38 a.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tkun komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**